# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru : 14**

**Rikors numru 398/2021/1 MS**

**L-Awtorità tal-Ippjanar**

**v.**

**Tal-Magħtab Construction Co. Ltd (C-11485) u**
**Theodosius Baldacchino**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell li sar mir-rikorrenti Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Diċembru, 2024, li biha laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li ma setgħetx tistħarreġ it-talba

magħmula taħt l-**Artikolu 107(7) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** sabiex jiġu kkontestati l-pretensjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħlas ta' multi msemmija fl-ittra ġudizzjarja bin-numru 1289/2021 minħabba li r-rikorrenti ma appellawx mill-Avviż Biex Tieqaf u Ta' Twettiq.

**Daħla**

2. B'rikors tat-28 ta' April, 2021, Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino fissru li huma ġew notifikati b'ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 1289/2021 sabiex iħallsu multa maħruġa skont ir-**Regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi Għal Kull Ġurnata (Avviż Legali 276 tal-2012)** dwar żvilupp mingħajr permess.

3. Skont din l-ittra uffiċjali[1] r-rikorrenti ntalbu biex iħallsu minnufih is-somma ta' €31,900 bħala riżultat ta' żvilupp bla permess li jissemma fl-Avviż ta' Twettiq numru ECF324/14 dwar il-perjodi bejn is-26 ta' Settembru, 2014 sat-30 ta' Settembru, 2016, l-1 ta' Marzu, 2016 sat-30 ta' Settembru, 2016, l-1 ta' Ottubru, 2016 sal-1 ta' Marzu, 2017 u t-2 ta' Marzu, 2017 sad-9 ta' Marzu, 2018.

4. Din l-ittra uffiċjali ntbagħtet wara li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet fis-

[1] Minkejja li l-kawża saret biex tiġi attakkata sewwasew din l-ittra uffiċjali u minkejja wkoll li l-Ewwel Qorti kienet fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2023 (ara paġna 35 tal-atti tal-kawża) ordnat lir-rikorrenti sabiex jippreżentaw kopja ta' din l-ittra uffiċjali, din l-ittra uffiċjali però baqgħet ma ġiet esibita qatt fl-atti ta' din il-kawża. Għalhekk biex seta' jkollha għarfien ta' din l-ittra uffiċjali, din il-Qorti kellha bilfors tikseb kopja tagħha mir-reġistru tal-Qorti, liema kopja sejra titpoġġa fl-atti tal-appell.

17 ta' Settembru, 2014 ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF 324/14 kontra kull wieħed miż-żewġ rikorrenti (ara paġni 62 sa 63 tal-atti tal-kawża). F'dan l-Avviż l-Awtorità tal-Ippjanar għarrfet liż-żewġ rikorrenti li f'sit ġewwa Ħ'Attard kien hemm:

> *«żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn depożitu ta' materjal inert u ġebel tal-franka, twittija tal-istess materjal, infetaħ aċċess fil-ħajt tal-madwar, saret pjattaforma tal-konkos fuq parti mis-sit, kif ukoll tpoġġew blokki tal-konkos sabiex saret diviżjoni tas-sit.»*

5. Fl-istess Avviż, ir-rikorrenti ġew imwissija li jekk fi żmien sittax-il ġurnata ma jneħħux dan l-iżvilupp bla permess u jreġġgħu lura s-sit għall-istat li kien qabel, huma kienu ħa jkunu suġġetti għall-multa għal kull ġurnata kif stabbilit fir-**Regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi Għal Kull Ġurnata (Avviż Legali 276 tal-2012)**.

6. Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino jsostnu li huma m'għandhomx rabta mas-sit ta' fejn saru dawn l-allegati xogħlijiet għaliex jisħqu li dan is-sit huwa ta' terzi persuni. Għalhekk billi fil-fehma tagħhom dan l-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq kellu jinħareġ kontra s-sidien tal-art u mhux kontra tagħhom huma ressqu din il-proċedura taħt l-**Artikolu 107(7) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** sabiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

> *«1. tiddikjara l-pretensjonijiet vantati mill-Awtorità bħala infondati, bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità; u*
>
> *2. tiddikjara li l-ammont pretiż mill-Awtorità mhuwiex dovut minnhom jew min minnhom.»*

7. L-Awtorità tal-Ippjanar daħħlet risposta fil-31 ta’ Mejju, 2021 u qalet hekk:

> *«1. L-oġġezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti il-ħlas mitlub mill-Awtorità permezz tal-Ittra Uffiċjali Numru 1289/2021 ma fihom l-ebda siwi la fattwali u lanqas legali. Kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta’ din il-kawża, ir-rikorrenti huma debituri tal-Awtorità fl-ammont indikat fl-istess Ittra Uffiċjali u l-istess talba għall-ħlas hi ġusta u mistħoqqa fil-liġi;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għandhomx jinqdew b’dan ir-rikors u b’dawn il-proċeduri sabiex jikkontestaw il-mertu per se tal-Avviż Biex Tieqaf u ta’ Twettiq. Ir-rikorrenti naqsu milli jippreżentaw appell minn tali avviż u għalhekk huma ġew li ssokkombew u aċċettaw l-ordni li nħarġet fil-konfront tagħhom permess tal-istess avviż;*
>
> *3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma huwiex minnu li r-rikorrenti mhumiex il-leġittimi kontradittur u li ma għandhom l-ebda konnessjoni mas-sit inkwistjoni u dana peress li l-liġi trid li kull spejjeż li jsiru mill-Awtorità esponenti u kull dejn dovut lill-istess Awtorità, għandhom jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mingħand sid l-art, l-okkupant jew mingħand il-persuna responsabbli għal għemil indikat f’xi avviż;*
>
> *4. Illi mingħajr preġudizzu għas-suespost, mhuwiex minnu li ma hemm l-ebda lok li għalih inħareġ l-Avviż Biex Tieqaf u ta’ Twettiq u dana peress li l-Avviż inkwistjoni inħareġ korrettement u skont il-liġi fir-rigward ta’ żvilupp illegali u dan kif ser jiġi ppruvat matul il-proċeduri ta’ dan ir-rikors.»*

8. Fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2023 l-avukati tal-partijiet iddikjaraw illi Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino ma kinux appellaw mill-Avviż biex Tieqaf u Ta’ Twettiq bin-numru ta’ riferenza ECF 324/14. Għalhekk il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili kienet mexxiet lill-partijiet sabiex iressqu provi u sottomissjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar (ara paġna 35 tal-atti tal-kawża).

9. B’sentenza tal-5 ta’ Diċembru, 2024, l-Ewwel Qorti laqgħet din l-

eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u b'hekk hija għaddiet biex ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Ir-raġunijiet għaliex l-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni ġew imfissra hekk:

*«Illi kif dikjarat fir-rikors li bih inbdiet din il-proċedura, l-azzjoni tar-rikorrenti hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 100 tal-Att dwar l-Ippjanar (Kapitolu 552 tal-liġijiet ta' Malta), u b'mod partikolari fuq is-seba' subinċiż ta' dik id-dispożizzjoni. Fost ħwejjeġ oħrajn, l-Artikolu 100 tal-leġiżlazzjoni ċitata jaħseb għal proċedura partikolari li tiffakoltizza lill-Awtorità tal-Ippjanar li tipproċedi b'mod sommarju għall-ġbir ta' ammonti li jkunu dovuti lilha skont xi liġi jew regolament. Din il-proċedura hija sommarja għaliex tikkonsisti sempliċement mill-ispedizzjoni ta' ittra uffiċjali flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-Awtorità tal-Ippjanar lill-persuna li tkun minnha meqjusa bħala debitriċi, u fejn dik il-persuna tonqos, wara li tiġi debitament notifikata, milli tikkontesta l-pretensjoni millantata mill-Awtorità tal-Ippjanar b'dik l-ittra uffiċjali fiż-żmien mogħti mil-liġi, mela l-ittra uffiċjali u d-dikjarazzjoni maħlufa tiġi munita bil-karattru ġuridiku ta' sentenza finali, li jfisser li l-Awtorità b'hekk ikollha titolu eżekuttiv li mbagħad jagħtiha l-jedd li tenforza l-kreditu tagħha kontra d-debitur bl-atti eżekuttivi kollha provduti mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Sabiex il-persuna li lilha tiġi spedita din l-ittra uffiċjali tevita l-effetti appena deskritti, trid tressaq il-kontestazzjoni tagħha b'rikors fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra.*

*Illi l-liġi tgħid biss li fir-rikors imressaq sabiex issir kontestazzjoni għall-ittra uffiċjali u għad-dikjarazzjoni maħlufa spediti mill-Awtorità tal-Ippjanar għandha ssir talba biex il-qorti tiddikjara l-pretensjoni tal-Awtorità bħala infondata, u ma tgħidx liema raġunijiet għandhom jitqiesu tajbin jew validi. Dan ifisser biss li l-liġi tħalli f'idejn il-Qorti d-deċiżjoni dwar liema raġunijiet għandhom jitqiesu ammissibbli, u dan naturalment skont iċ-ċirkostanzi tal-każ li jkun miġjub quddiemha.*

*Illi fil-każ miġjub quddiem il-Qorti llum, jirriżulta li l-kreditu pretiż mill-Awtorità intimata huwa l-prodott ta' avviż ta' waqfien u twettiq li jġib in-numru ta' riferenza 324/2014 (Fol. 62-63), u li minħabba ż-żmien tal-ħruġ tiegħu, ġibed l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 276/2012, li jippreskrivu l-impożizzjoni ta' penali kwotidjana għaż-żmien kollu li matulu persuna notifikata bl-avviż ta' waqfien u twettiq tibqa' ma tagħmilx dak li l-Awtorità tkun imponiet fuqha li tagħmel permezz tal-istess avviż. Jirriżulta wkoll paċifiku li r-rikorrenti ġew notifikati b'dan l-avviż u li, għal raġunijiet li jafuhom biss huma, ma kinux interponew appell mill-istess avviż, kif kellhom il-jedd li jagħmlu skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'dak iż-żmien, u ċjoè skont l-artikolu 86(12) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kapitolu 504 tal-liġijiet ta' Malta).*

*Illi r-rikorrenti jġibu raġuni waħda biex isostnu t-talba tagħhom li l-pretensjoni tal-Awtorità intimata tiġi dikjarata infondata; u ċjoè li huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi ta' dik il-pretensjoni billi m'għandhom*

*ebda konnessjoni mas-sit li fil-fatt jappartjeni lil terzi, u li għalhekk «...ma hemm l-ebda lok li jinħareġ dan l-avviż u ordni ta' twaqqif imsemmija hawn fuq».*

*Illi bit-tieni eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità intimata ssostni li «...r-rikorrenti ma għandhomx jinqdew b'dan ir-rikors u b'dawn il-proċeduri sabiex jikkontestaw l-mertu per se tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq. Ir-rikorrenti naqsu milli jippreżentaw appell minn tali avviż u għalhekk huma ġew li ssokkombew u aċċettaw l-ordni li nħarġet fil-konfront tagħhom permess tal-istess avviż».*

*Illi huwa pależi li r-raġuni waħdanija li fuqha r-rikorrenti qed isejsu l-azzjoni tagħhom tirrigwarda proprju l-meritu tal-avviż ta' waqfien u twettiq notifikat lilhom. Tqum għalhekk il-mistoqsija dwar jekk din ir-raġuni setgħetx tinġieb b'mod utli mir-rikorrenti f'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u Ippjanar.*

*Fid-deċiżjoni* ***JAC Steel Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar*** *(Appell Inferjuri, 31 ta' Jannar 2024) ġie osservat hekk dwar każ simili fejn l-appellant quddiem it-Tribunal kien qed jikkontesta l-ħruġ fil-konfront tiegħu tal-avviż:*

> *«Ir-riċerka li kellu jagħmel it-Tribunal hi jekk l-Awtorità rnexxilhiex tipprova li s-soċjetà appellata kinitx okkupant jew sid biex jingħad li l-avviż hu legali. Ħarsa lejn l-aggravju tas-soċjetà appellata quddiem it-Tribunal hu illi la hi s-sid u anqas okkupant tas-sit milqut bl-avviż. Ir-risposta tal-Awtorità hu li l-iżvilupp sar mill-appellanti u minħabba f'hekk jitqiesu li okkupaw l-art.»*

*Isegwi minn dan li t-Tribunal għandu s-setgħa, jekk mhux id-dmir, li fuq aggravju mressaq mill-persuna li fil-konfront tiegħu inħareġ l-avviż, jindaga dwar jekk dik il-persuna hux sid jew okkupant – fi kliem ieħor, jekk dik il-persuna hijiex il-«leġittimu kontradittur» tal-avviż. Jekk avviż bħal dak inħariġx kontra min kellu jinħareġ għalhekk hija materja li setgħet u kellha tiġi sollevata f'appell mill-istess avviż, u hija wkoll materja li setgħet, kemm-il darba tirriżulta fondata, twassal għat-tħassir ta' dak l-avviż.*

*Kemm fiż-żmien rilevanti li fih seħħew il-fatti tal-każ, kif ukoll illum, il-liġi espressament irriżervat il-ġurisdizzjoni u s-setgħa ta' stħarriġ u reviżjoni ta' avviżi bħal dawn (fost materji oħra) lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Għal din il-Qorti dan ifisser li dik il-ġurisdizzjoni u dik is-setgħa ma jistgħux issa jiġu eżerċitati minnha, b'mod partikolari fi proċedura bħal din li hija limitata u ċirkoskritta għal eżami dwar jekk l-Awtorità hux tassew għandha l-jedd tippretendi kreditu partikolari kontra persuna partikolari. Dak li jridu r-rikorrenti huwa li din il-Qorti mhux biss tiddikjara infondata l-pretensjoni tal-Awtorità, imma addirittura li tistronka dak il-kreditu billi tirrevoka l-avviż bin-numru 324/2014; ħaġa però li din il-Qorti ma tistax tagħmel mingħajr setgħa vestita fiha espressament mil-liġi, billi dik is-setgħa, kif rajna, hija mogħtija lil tribunal speċjali maħluq appożitament. Skont l-artikolu 100(7) tal-Att dwar l-Ippjanar, din il-Qorti tista' biss tiddikjara infondata l-pretensjoni tal-Awtorità. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta'*

*dan il-każ, il-kreditu ma jistax jitqies infondat mingħajr it-tħassir tal-avviż, u l-avviż ma jistax jitħassar fi proċedura bħal din, u ċertament mhux għar-raġuni dedotta mir-rikorrenti (F'dan is-sens ukoll huma d-deċiżjonijiet* ***L-Awtorità tal-Ippjanar v. Christian Camilleri et*** *(Appell Inferjuri, 15 ta' Settembru 2023);* ***Awtorità tal-Ippjanar v. Steve Meli*** *(Qorti tal-Maġistrati, 11 ta' Frar 2021); u* ***Awtorità tal-Ippjanar v. MFF Ltd*** *(Qorti tal-Maġistrati, 22 ta' Frar 2023), fost oħrajn).*

*Illi ladarba r-rikorrenti m'appellawx kontra l-avviż fuq imsemmi, dak l-avviż ma jistax ħlief jitqies legalment validu u kull effett legali li jiskaturixxi minnu huwa daqstant ieħor legalment validu. Għalhekk, il-kreditu pretiż mill-Awtorità intimata, ladarba huwa l-prodott ta' avviż ta' waqfien u twettiq li huwa validu u li ma jistax jiġi revokat minn din il-Qorti f'azzjoni bħal dik odjerna, huwa wkoll validu u konsegwentement fondat.*

*Illi jsegwi li t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità intimata għalhekk hija fondata u jistħoqqilha tiġi milqugħa.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq mogħtija din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità intimata u konsegwentement qed tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.»*

10. Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors imressaq fit-23 ta' Diċembru, 2024 u talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar din is-sentenza u minflok tilqa' l-aggravji tagħhom: (i) illi l-multi li waħħlithom l-Awtorità tal-Ippjanar jiksru l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**; u (ii) illi huma qatt ma setgħu jeħlu dawn il-multi għaliex huma mhumiex sidien tal-art fejn saru x-xogħlijiet u li f'kull każ f'din l-art diġà kienu saru illegalitajiet minħabba li din l-art hija miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd.

11. L-Awtorità tal-Ippjanar wieġbet għal dan l-appell fis-27 ta' Jannar, 2025 u semmiet għalfejn dan ma jistħoqqlux li jintlaqa'.

12. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħhom l-appellanti jgħidu li l-multi li l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tippretendi li għandhom jiġu mħallsa minnhom huma bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. Isostnu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali diġà esprimiet ruħha fis-sentenza ***Victor Gusman nomine v. L-Avukat tal-Istat et*** deċiża fit-30 ta' Mejju, 2024 illi l-**Artikoli 97** u **100 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp** u r-**regolament 3 tar-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata u Multi Amministrattivi (Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24)** huma bi ksur tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Minħabba f'hekk, l-appellanti jargumentaw li l-infurzar ta' din il-penali sejjer ikun ifisser l-infurzar ta' stat ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

14. Għalkemm l-appellanti jistqarru li l-Qorti tal-Appell mhuwiex il-*forum* xieraq fejn għandhom jiġu mistħarrġa ilmenti ta' sura kostituzzjonali, madankollu huma jargumentaw li din il-Qorti m'għandhiex

tagħlaq għajnejha għas-sentenza mogħtija fil-kawża ***Victor Gusman nomine v. L-Avukat tal-Istat et***. Itemmu l-aggravju tagħhom billi jisħqu li l-liġi ordinarja ma toffrix rimedju tajjeb sabiex huma jkunu jistgħu jikkontestaw dawn il-multi ta' kuljum.

15. Din il-Qorti tqis li hija ma tistax tilqa' dan l-aggravju għal għadd ta' raġunijiet.

16. Ibda biex, fis-sentenza appellata ġiet deċiża biss it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili setgħetx tistħarreġ l-oppożizzjoni tar-rikorrenti lejn l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu, 2021, minħabba li r-rikorrenti kienu naqsu milli jappellaw mill-Avviż Biex Tieqaf u tat-Twettiq bin-numru ECF 324/14. Billi l-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni u saħansitra qalet li hija mhijiex mogħnija bis-setgħa legali li tistħarreġ is-siwi ta' avviżi bħal dawn, mela allura l-parametru tal-appell tar-rikorrenti suppost kellu jkun marbut mal-kwistjoni dwar jekk l-Ewwel Qorti setgħetx tiddeċiedi r-rikors promotur tagħhom minkejja li huma ma kinux appellaw mill-Avviż Biex Tieqaf u tat-Twettiq bin-numru ECF 324/14.

17. L-appellanti iżda mhux talli ma ressqux aggravju biex jikkonvinċu lil din il-Qorti tal-Appell li l-Ewwel Qorti kellha s-setgħa li tisma' l-każ tagħhom, iżda talli f'dan l-ewwel aggravju l-appellanti qanqlu kwistjoni

ġdida ta' natura kostituzzjonali li la biss kienet tissemma fl-ewwel rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri u lanqas ma ġiet mistħarrġa u deċiża mill-Ewwel Qorti.

18. Ifisser għalhekk li dan l-aggravju tal-appellanti ma jistax jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti tal-Appell kemm għaliex il-kwistjoni dwar is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-multi mwaħħla mill-Awtorità tal-Ippjanar ma kinitx tifforma parti mit-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk din il-Qorti tinsab imxekkla milli tagħti sentenza dwar xi ħaġa li ma kinitx mitluba fir-rikors promotur (ara l-**Artikolu 811(f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u ***Mercury p.l.c. v. Ian Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2025); kif ukoll għaliex mill-atti tal-kawża miżmuma mill-Ewwel Qorti ma jirriżultax li l-appellanti qatt talbu lill-Ewwel Qorti sabiex fis-sentenza tagħha tiddiskuti u tiddeċiedi punti ta' liġi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem jew referenzi għall-**Kostituzzjoni ta' Malta** bħala parti mill-mertu tal-kawża.

19. Li kieku fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet punti kostituzzjonali bħal dawn, l-appellanti kien ikollhom kull jedd skont l-**Artikolu 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jressqu appell quddiem din il-Qorti tal-Appell (ara ***Michael Debono Limited et v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2016). L-Ewwel Qorti iżda ma ddeċidiet l-ebda

punti bħal dawn fis-sentenza tagħha u għalhekk l-appellanti ma jistgħux jinqdew b'dan l-appell biex iressqu argumenti u punti ġodda li ma ġewx imqajma quddiem l-Ewwel Qorti (ara ***L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto et v. L-Avukat Dottor Michelle Tabone nomine*** deċiża fit-12 ta' Lulju, 2023).

20. Wara kollox xogħol il-Qorti tal-Appell bħala qorti tat-tieni grad huwa dak li tirrevedi dak li jkun ġie deċiż fis-sentenza li tkun ingħatat mill-qorti tal-ewwel grad. Ifisser għalhekk li bħala prinċipju ġenerali, parti ma tistax tqajjem bħala aggravju f'appell xi kwistjoni li ma tkunx tqajmet quddiem il-qorti li minnha jsir l-appell (ara fost ħafna oħrajn ***Seyba Aluminium Limited v. Grazio Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2023, **Giovanna Pace v. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2022 u ***Anthony Zarb et v. Emanuele Carabott et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021).

21. Tassew din il-Qorti ma tistax tistħarreġ u tindirizza elementi ġodda li ma jirriżultawx fil-qorti tal-ewwel grad għaliex: (i) tali stħarriġ jitlob is-smigħ ta' provi ġodda li ma jkunux jirriżultaw fl-atti tal-kawża; u (ii) li kull deċiżjoni dwar materja ġdida li ma kinitx il-mertu tas-sentenza appellata ttellef il-jedd tal-partijiet milli jkollhom eżami doppju fuq dik il-materja (ara ***HSBC Bank Malta p.l.c. v. Dr Yana Micallef Stafrace et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

22. F'kull każ imbilli l-appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom jirreferu għas-sentenza ***Victor Gusman nomine v. L-Avukat tal-Istat et***, din il-Qorti tosserva qabel xejn li din is-sentenza għadha mhijiex waħda finali għax hemm appell minnha li għadu ma nqatax mill-Qorti Kostituzzjonali. Minbarra dan, kontra dak li jgħidu l-appellanti fl-aggravju tagħhom, f'din is-sentenza ma nstabx li hemm ksur tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** iżda nstab ksur tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

23. Imma lil hemm minn dan kollu, huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li sentenzi dwar l-inkompatibilità ta' liġijiet ma' drittijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u mhux e*rga omnes* (ara ***Vincent Zerafa et v. Emanuel Cilia et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru, 2012 u ***Emanuel Portelli pro et noe v. Estelle Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014). Dan ma hu xejn ħlief riflessjoni ta' dak li jgħid l-**Artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, *viz.* li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza.

24. Fejn il-Qorti Kostituzzjonali tippronunzja ruħha u tiddikjara li liġi partikolari minnha mistħarrġa tirriżulta li hi inkonsistenti mal-**Kostituzzjoni ta' Malta** jew mal-**Konvenzjoni Ewropea**, dan ifisser li dik il-liġi partikolari ma jkollha l-ebda effett fil-limiti tal-proċedura fejn tiġi dikjarata li hemm dik l-inkonsistenza. B'danakollu l-istess liġi tibqa' fis-seħħ għall-għanijiet l-oħra kollha sakemm ma tiġix emendata skont l-**Artiklu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

25. B'żieda ma' dan, għandu jingħad ukoll li ġaladarba fis-sistema ġuridika tagħna m'għandniex id-duttrina tal-preċedent, mela allura meta jqum każ speċifiku fir-rigward, dan irid jiġi eżaminat mill-ġdid fuq il-merti tiegħu. Għalhekk l-appellanti ma kinux meħlusa milli juru li fil-każ speċifiku tagħhom seħħ il-ksur kostituzzjonali u konvenzjonali ilmentat minnhom. Fiż-żgur l-appellanti ma jistgħux jistrieħu biss fuq sentenza li huma lanqas biss kienu parti fiha.

26. L-ewwel aggravju tal-appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

27. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>**.

28. L-appellanti jargumentaw li s-sentenza appellata hija waħda żbaljata għaliex huma qatt ma kellhom jeħlu l-multi minħabba: (i) li l-għalqa inkwistjoni mhijiex ġid tagħhom; (ii) li huma ma kellhomx x'jaqsmu

ma' din l-art; u (iii) li l-għalqa inkwistjoni diġà kien fiha illegalitajiet peress li din hija miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd. Iżidu jgħidu wkoll li għalkemm l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tagħhom għaliex ma appellawx mill-Avviż Biex Tieqaf u Ta' Twettiq 324/2014, madankollu huma jgħidu li l-Ewwel Qorti la kkunsidrat il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, wisq anqas ma kkunsidrat il-provi li juru li huma mhumiex il-leġittimi kontradittur*i*.

29. Din il-Qorti tqis li anke dan l-aggravju ma jistax iwassal għal dak mixtieq mill-appellanti.

30. L-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tqis il-jeddijiet fundamentali tal-appellanti għaliex kif ingħad aktar qabel waqt li kien qiegħed jiġi mistħarreġ l-ewwel aggravju, dawn il-jeddijiet fundamentali qatt ma kienu jifformaw parti mit-tilwima li kellha tiġi deċiża minnha. L-appellanti għalhekk ma jistgħux jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tqis jeddijiet fundamentali li ma ġewx invokati.

31. Hekk ukoll, l-appellanti ma jistgħux jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-provi li huma ġabu dwar l-illeġittimità passiva tagħhom. Dan għaliex l-Ewwel Qorti kienet avżathom minn qabel fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2023, li hija kienet għalissa ħa tiddeċiedi biss it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar jekk ir-rikorrenti setgħux

jissoktaw bil-kawża minħabba l-fatt li huma ma kinux appellaw mill-Avviż Biex Tieqaf u Ta' Twettiq 324/2014 li kienu rċevew. Il-provi dwar jekk huma kellhomx ikunu suġġetti għal dan l-Avviż kienu għalhekk irrilevanti għall-istħarriġ ta' din it-tieni eċċezzjoni.

32. Anke dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud minħabba li huwa maqtugħ minn dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino u b'hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti. L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu minn Tal-Magħtab Construction Co. Ltd u Theodosius Baldacchino flimkien bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss